

Brussell, 17 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7397/26

ENV 249  
CLIMA 146  
COMPET 341  
IND 191  
AGRI 191  
FOOD 23  
PECHE 102  
ENER 139  
MI 258  
ENT 50  
MAP 79  
RECH 125  
FORETS 40

#### **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
fi: 17 ta' Marzu 2026  
lil: Delegazzjonijiet  
Nru. dok. preċ.: 7156/26 + COR 1  
Suġġett: Qafas Strateġiku għal Bijoeconomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4165 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Marzu 2026.

**Qafas Strateġiku għal Bijoeconomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE**

**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

**FILWAQT LI JFAKKAR:**

- Fid-Deċiżjoni dwar it-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP)<sup>1</sup> u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>2</sup>,
- Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar:
  - l-opportunitajiet tal-bijoeconomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali<sup>3</sup>;
  - l-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu r-rabta bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent"<sup>4</sup>;
  - sejħa għal azzjoni dwar ix-xjenzi tal-ħajja għall-kompetittività tal-Unjoni<sup>5</sup>;
  - l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up<sup>6</sup>;
  - industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna<sup>7</sup>;
  - l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma<sup>8</sup>;

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

<sup>2</sup> ST 15051/19 + ADD 1.

<sup>3</sup> ST 8406/23.

<sup>4</sup> ST 14594/19.

<sup>5</sup> ST 13323/25.

<sup>6</sup> ST 13357/25.

<sup>7</sup> ST 10127/24.

<sup>8</sup> ST 14303/25.

- l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030<sup>9</sup>;
- dwar Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE (LTVRA)<sup>10</sup>;
- L-Istrateġija għall-Bijodiversità: il-ħtieġa għal azzjoni urġenti<sup>11</sup>;
- ekonomija blu sostenibbli: saħħa, għarfien, prosperità, ekwità soċjali<sup>12</sup>;
- il-Patt Ewropew għall-Oċeani<sup>13</sup>;
- it-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari<sup>14</sup>.

#### FILWAQT LI JILQA':

- Il-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar:
  - il-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE<sup>15</sup>;
  - il-Patt għal Industrija Nadifa<sup>16</sup>;
  - il-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel<sup>17</sup>;
  - il-Pjan ta' Azzjoni għall-Industrija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi<sup>18</sup>;
  - Nibnu l-futur bin-Natura: It-tiŝih tal-Bijoteknoloġija u l-Bijomanifattura fl-UE<sup>19</sup>.

---

<sup>9</sup> ST 13984/21.  
<sup>10</sup> ST 15631/23.  
<sup>11</sup> ST 12210/20.  
<sup>12</sup> ST 9153/21.  
<sup>13</sup> ST 15807/25.  
<sup>14</sup> ST 10447/18.  
<sup>15</sup> ST 5785/25.  
<sup>16</sup> ST 6515/25.  
<sup>17</sup> ST 6385/25.  
<sup>18</sup> ST 11459/25.  
<sup>19</sup> ST 9163/1/24 REV 1.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli<sup>20</sup> tagħha u l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli.

FILWAQT LI JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Qafas Strateġiku għal Bijoeconomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE"<sup>21</sup> bħala pass f'waqtu u essenzjali biex jissaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza, il-prosperità u s-sostenibbiltà tal-Ewropa u FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-bijoeconomija hija mutur transsettorjali ewlieni tas-sostenibbiltà, it- tkabbir ekoloġiku, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi, u li s-settur primarju għandu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-provvista sostenibbli tal-bijomassa flimkien mas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, is-sikurezza alimentari u l-għajxien rurali, l-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli u l-mudelli ta' produzzjoni ċirkolari filwaqt li jintegra l-konsiderazzjonijiet dwar il-klima, il-biodiversità u s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u jissalvagwarda l-ambjent, inkluż il-kwalità tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija.

FILWAQT LI JENFASIZZA l-kontribut tal-bijoeconomija sostenibbli għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE u fl-istess ħin tippreserva ekonomija miftuħa u FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza strateġika ta' bijoeconomija kompetittiva u sostenibbli għall-kisba tan-newtralità klimatika u r-reżiljenza, il-protezzjoni u r-restawr tal-biodiversità, l-ekosistemi u s-servizzi tal-ekosistemi relatati, it-tniġġis żero, l-effiċjenza fir-riżorsi, iċ-ċirkolarità, ir-reżiljenza tal-ilma, is-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq materjali u prodotti ta' oriġini fossili u l-importazzjonijiet tagħhom; FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza ta' implimentazzjoni effiċjenti tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa stabbiliti fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni, u l-appoġġ għall-kompetizzjoni ġusta għal prodotti b'bażi bijoloġika.

FILWAQT LI JILQA' l-viżjoni għal bijoeconomija sostenibbli sal-2040 u l-enfasi fuq l-intensifikazzjoni tal-innovazzjoni u l-investimenti; b'hekk jinbnew swieq ewlenin ġodda għall-materjali, il-prodotti u t-teknoloġiji b'bażi bijoloġika; tiġi żgurata l-provvista u l-użu sostenibbli tal-bijomassa tul il-ktajjen tal-valur u jiġu sfruttati l-opportunitajiet globali; u filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tar-reġjuni u l-komunitajiet awtonomi fl-ippjanar u l-implimentazzjoni, mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha.

---

<sup>20</sup> Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli: 17-il Għan biex Nittrasformaw id-Dinja tagħna | In-Nazzjonijiet Uniti.

<sup>21</sup> ST 16071/25.

## IMPLIMENTAZZJONI

1. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' implimentazzjoni koerenti, prevedibbli u ta' appoġġ tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, rilevanti għall-bijoeconomija, inkluż il-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà, ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti, ir-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni (EUDR), ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF), ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija, ir-Regolament dwar it-Tassonomija u l-Qafas ta' Ċertifikazzjoni għall-Assorbimenti tal-Karbonju (CRCF) kif ukoll tal-għanijiet stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-Istrateġija għall-Bijodiversità, l-Istrateġija għall-Foresti, il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għal Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, il-Boxxla għall-Kompetittività għall-UE, il-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Pjan Direzzjonali għall-Krediti tan-Natura, l-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Patt għal Industrija Nadifa; filwaqt LI JINKORAĠĠIXXI t-tneħħija tal-ostakli regolatorji u jiżgura l-koerenza regolatorja u FILWAQT LI JAPPOĠĠA l-aġenda ta' simplifikazzjoni li għaddejjja mingħajr ma jitbaxxew l-istandards rilevanti, sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi u duplikazzjonijiet addizzjonali.
2. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw u jaġġornaw l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom b'mod koerenti mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar il-Bijoeconomija u jintegraw l-oġettivi tagħha fil-pjanijiet reġjonali u nazzjonali bħall-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Iżvilupp b'Emissjonijiet Baxxi fit-Tul, l-Istrateġiji Nazzjonali ta' Adattament, il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, l-Istrateġiji Nazzjonali jew il-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u l-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali; Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku; b'hekk jiżguraw il-parteciġazzjoni effettiva tar-reġjuni u tal-komunitajiet awtonomi fl-għażla tal-proġetti u fl-ippjanar tal-investment kif ukoll jiżguraw li ż-żieda fid-domanda għall-bijomassa ma timminax l-oġettivi ta' konservazzjoni tal-bijodiversità u ta' restawr tan-natura, sigurtà alimentari u nutrizzjonali jew il-kapaċità produttiva fit-tul tas-setturi primarji.

3. IHEĠĠĠĠ l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika u ċirkolari fis-setturi rilevanti kollha, billi tiġi promossa s-sostituzzjoni ta' riżorsi ta' oriġini fossili u jitqies l-użu effiċjenti u sostenibbli ta' riżorsi b'bażi bijoloġika u azzjonijiet tal-bijoekonomija li jappoġġjaw l-adozzjoni mis-suq, l-SMEs, il-kumpaniji start-up u scale-up, filwaqt li jibqgħu fil-limiti planetarji u l-oġettivi tal-bijodiversità stabbiliti fil-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, jiġu protetti il-bjar tal-karbonju tal-UE, jiġu salvagwardati l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, u tiġi rispettata d-diversità reġjonali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-istrateġiji tal-UE dwar din il-kwistjoni.
4. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' edukazzjoni komprensiva b'mod ġenerali, u programmi ta' taħriġ u ta' kapaċitajiet ta' trasferiment tal-ġharfien; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni fost il-produtturi primarji, l-operaturi ekonomiċi, il-kooperattivi, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, dawk li jfasslu l-politika, il-konsumaturi u l-pubbliku b'mod ġenerali, u ta' monitoraġġ trasparenti tal-flussi tal-bijomassa u l-impatti ambjentali permezz tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bijoekonomija tal-UE; u JAPPELLA għal sensibilizzazzjoni msaħħa u involviment akbar tal-konsumatur, tisħiħ tal-kapaċitajiet u żieda fid-domanda tas-settur pubbliku permezz ta', fost l-oħrajn, akkwist pubbliku ekoloġiku, biex jiġu promossi stili ta' ħajja u konsum sostenibbli.
5. JAPPELLA għal suq uniku kompetittiv għall-bijomassa miksuba b'mod sostenibbli, il-prodotti b'bażi bijoloġika u s-soluzzjonijiet ċirkolari b'bażi bijoloġika fl-Ewropa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti bejn il-materjali u l-prodotti b'bażi bijoloġika u dawk ta' oriġini fossili, u JENFASIZZA l-importanza ta' implimentazzjoni effiċjenti tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa stabbiliti fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni, u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq biex jittaffew l-impatti negattivi, filwaqt li JIRRIKONNOXXI r-restrizzjonijiet strutturali speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti reġjuni, inkluż Stati Membri gżejjer, b'mod partikolari d-disponibbiltà limitata tal-bijomassa, id-dipendenza għolja fuq l-ambjent tal-baħar, u vulnerabbiltà akbar tal-ekosistemi, u JIMPENJA RUĦU li jiżgura li tali kunsiderazzjonijiet jiġu integrati kif xieraq fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti.

6. JISĦAQ fuq l-importanza li l-istrateġija dwar il-bijoeconomija tqis l-ispeċifitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni b'kundizzjonijiet ta' temp kiesaħ estrem u r-reġjun tal-fruntiera tal-Lvant fl-użu tagħhom tal-bijomassa u JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tagħha għad-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità f'dawn it-territorji, f'konformità mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà.
7. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timplimenta l-inizjattivi tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija u JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrapporta dwar it-tweġiq tagħha sal-2028 u li tistabilixxi d-Djalogi dwar il-Bijoeconomija bejn l-UE u l-Istati Membri.

## **INNOVAZZJONI U INVESTIMENTI**

8. JISSOTTOLINJA l-għan li jiżdiedu l-innovazzjoni u l-użu industrijali ta' soluzzjonijiet sostenibbli b'bażi bijoloġika, inkluż permezz tal-qbid tal-karbonju bijoġeniku, il-bijoraffineriji, il-fermentazzjoni avanzata, u l-manifattura u l-ipproċessar ta' materjali b'bażi bijoloġika kif ukoll soluzzjonijiet intelliġenti fl-użu tal-ilma; JAPPOĠĠA l-faċilitajiet ta' dimostrazzjoni pilota-impjanti aċċessibbli għall-kumpanija scale-up u JENFASIZZA li n-negozji eżistenti u stabbiliti jkomplu jkunu pjattaforma importanti għall-innovazzjoni u li għandu jiġi żgurat aċċess ugwali għall-opportunitajiet ta' żvilupp.
9. JAPPOĠĠA BIL-QAWWA t-tneħħija tal-ostakli eżistenti għal prodotti u soluzzjonijiet sostenibbli b'bażi bijoloġika u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti regolatorji filwaqt li jiġu ppreservati l-oġettivi ambjentali, u JIEĦU NOTA tal-Att dwar il-Bijoteknoloġija I propost u l-Att dwar il-Bijoteknoloġija II tal-UE mħabbar u l-istabiliment ta' Forum Ewropew tar-Regolaturi u l-Innovaturi fil-Qasam tal-Bijoeconomija bħala l-ewwel passi importanti fl-aċċellerazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet u l-aċċess għas-suq u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għan-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi.
10. IĦEĠĠEĠ l-introduzzjoni ta' għodod diġitali u approċċi mmexxija mid-data biex jittejbu l-produttività u l-effiċjenza fir-riżorsi tul il-ktajjen tal-valur tal-bijoeconomija, u l-iżvilupp ta' hillet professjonali u taħriġ fis-setturi kollha tal-katina tal-valur.

11. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni u li jiġi ssimplifikat id-dħul fis-suq għal prodotti sostenibbli b'bażi bijoloġika, jissaħħu l-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs, il-kumpaniji start-up u scale-up.
12. JIRRIKONOXXI l-ħtiġijiet sinifikanti ta' investiment biex jiżdiedu l-innovazzjoni fil-bijoekonomija u l-użu industrijali sostenibbli, skont l-oġettivi deskritti fir-rapporti Letta u Draghi biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Ewropa, tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa, u jitħaffef l-użu ta' teknoloġiji strateġiċi biex titrawwem il-bidla lejn xejriet ta' produzzjoni u ta' konsum ċirkolari, sostenibbli, rinnovabbli u ħielsa mill-fjuwils fossili.
13. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tiffinanzja l-innovazzjoni meħtieġa ta' produzzjoni sostenibbli b'bażi bijoloġika tul il-katina tal-valur u li tikkontribwixxi biex tattira l-investituri u tnaqqas ir-riskji tal-investment billi timmobilizza strumenti ta' finanzjament imħallat u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, inkluż permezz tal-Grupp għall-Varar tal-Investment fil-Bijoekonomija; u JAPPELLA għal strumenti finanzjarji robusti tal-UE biex jitneħħew ir-riskji marbuta ma' investimenti b'bażi bijoloġika innovattivi u sostenibbli, filwaqt li titqies l-istabbiltà fit-tul tal-baġit tal-UE, u JAGĦRAF ir-rwol tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika fl-appoġġ tal-innovazzjoni u l-espansjoni.
14. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-kapital ta' riskju privat kemm fi stadju bikri kif ukoll fi stadju avanzat fil-livell nazzjonali u reġjonali, jikkooperaw mal-banek promozzjonali nazzjonali biex iżidu l-investimenti, u jagħmlu użu sħiħ mill-fondi disponibbli tal-UE u l-flessibbiltajiet eżistenti tal-ġhajnuna mill-Istat, pereżempju, ir-regoli ġenerali ta' eżenzjoni ta' kategorija, ir-regoli dwar l-ġhajnuna mill-Istat għall-klima, l-enerġija u l-ambjent u l-eżenzjoni ta' kategorija għall-agrikoltura, għal proġetti u riformi fil-qasam tal-bijoekonomija sostenibbli; u biex jiġi żgurat li l-finanzjament jilħaq ir-reġjuni u l-komunitajiet kollha direttament, inkluż il-gżejjer, ir-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjun tal-fruntiera tal-Lvant.

## L-IŻVILUPP TA' SWIEQ EWLENIN GĦALL-MATERJALI U GĦAT-TEKNOLOĠIJI

15. IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ta' swieq ewlenin u miżuri min-naħa tad-domanda, inkluż l-akkwist pubbliku ekoloġiku volontarju u alleanzi industrijali volontarji, biex tissaħħaħ il-prevedibbiltà tan-negozju, titħaffef it-tranżizzjoni b'bażi bijoloġika u jiġi appoġġat it-tfassil tal-*"Important Projects of Common European Interest (IPCEI) on biotechnologies for food and feed, bio-based chemicals and bio-based materials (Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-bijoteknoloġiji għall-ikel u l-għalf, is-sustanzi kimiċi b'bażi bijoloġika u l-materjali b'bażi bijoloġika)"* u biex tingħata prijorità, fejn possibbli, lill-prodotti b'bażi bijoloġika innovattivi fl-akkwist pubbliku volontarju, filwaqt li titqies il-kosteffiċjenza.
16. JISSOTTOLINJA li l-ħolqien ta' domanda prevedibbli għal materjali u teknoloġiji b'bażi bijoloġika sostenibbli huwa essenzjali biex jiġi sfruttat l-investment privat u titħaffef l-espansjoni tas-suq; f'dan il-kuntest, JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika u ssaħħaħ is-swieq pilota fis-setturi elenkati fl-Istrateġija; JISĦAQ, madankollu, fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati wkoll setturi addizzjonali, bħaż-żraben u t-tessuti, is-sufra, ir-reżini naturali, il-polpa u l-karta, il-fibri naturali, il-materjali bbażati fuq il-miċelju, l-imballaġġ tal-fibra b'bażi bijoloġika, il-bijofarmaċewtiċi, is-soluzzjonijiet ta' karbonju bijoġeniku u l-applikazzjonijiet tal-bijoeconomija tal-baħar u blu, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-gżejjer, dawk kostali u tal-ilmijiet interni tal-Istati Membri, filwaqt li JFAKKAR li jeħtieġ li l-prodotti b'bażi bijoloġika, speċifikament fil-każ tal-plastiks b'bażi bijoloġika li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-impatti ambjentali meta mqabbla mal-plastiks konvenzjonali, jiġu vvalutati kif xieraq, jinkisbu b'mod sostenibbli, jintużaw, jiġu ddepożitati, ġestiti u ddisinjati għaċ-ċirkolarità.
17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipromwovu miżuri min-naħa tad-domanda, inkluż l-introduzzjoni ta' teknoloġiji u ta' rekwiżiti fil-qasam tal-kontenut sostenibbli b'bażi bijoloġika appoġġati minn valutazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza, fejn teknikament u ekonomikament fattibbli, inċentivi volontarji fl-akkwist pubbliku ekoloġiku, alleanzi industrijali volontarji, skemi ta' ċertifikazzjoni, biex jappoġġaw l-adozzjoni bikrija mis-suq u l-espansjoni ta' materjali u prodotti sostenibbli b'bażi bijoloġika; filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti, il-kosteffiċjenza u jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn, mingħajr ma jiġu kkawżati effetti negattivi fuq il-bniedem u l-annimali jew l-ambjent.

18. IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp u l-użu tal-analiżi tal-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA), l-istandards armonizzati, il-kodiċijiet NACE u r-rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà, riparabbiltà u riċiklabbiltà għal materjali u prodotti b'bażi bijoloġika skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u oqfsa ta' politika rilevanti oħra.
19. JISĦAQ fuq l-importanza tal-użu effiċjenti tal-bijomassa biex tiġi żgurata s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali b'mod prijoritarju filwaqt li jiġu ppreservati l-ekosistemi u s-servizzi tal-ekosistemi relatati; IĦEĠĠEĠ, fejn fattibbli, il-produzzjoni ta' prodotti u materjali ta' valur ogħla li jaħżnu l-karbonju għal żmien itwal u jissostitwixxu l-materjali ta' oriġini fossili, filwaqt li jiġu żgurati ċ-ċirkolarità, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, il-kompetittività u t-tnaqqis tal-perssionijiet fuq l-ekosistema u s-swieq tal-provvista tal-ikel; filwaqt li jiġi applikat il-prinċipju kaskata bħala prinċipju gwida, fejn xieraq u fejn teknikament u ekonomikament fattibbli.
20. JAPPOĠĠA l-ħolqien ta' simbożi industrijali, permezz ta' pjattaformi, distretti, widien jew inizjattivi transfruntiera u transsettorjali, u l-iżvilupp ta' ċentri tal-bijoekonomija u infrastruttura ta' dimostrazzjoni biex l-SMEs u l-innovaturi jkunu jistgħu jittestjaw u jespandu materjali u prodotti sostenibbli ġodda b'bażi bijoloġika, kundizzjonijiet aħjar għal raggruppamenti transfruntiera u investimenti konġunti, u appoġġ komprensiv għad-dinja akkademika, in-negozji ġodda, u s-settur industrijali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti, materjali u teknoloġiji sostenibbli ġodda b'bażi bijoloġika.

## **PROVVISTA SOSTENIBBLI TAL-BIJOMASSA U ĊIRKOLARITÀ**

21. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb id-data u l-immudellar għall-monitoraġġ tad-disponibbiltà tal-bijomassa billi sserraħ fuq iċ-Ċentru tal-Għarfien għall-Bijoekonomija f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta d-disponibbiltà tal-bijomassa sostenibbli meta mqabbla mad-domanda prevista għall-bijomassa fl-UE fl-2040.

22. JISĦAQ li l-provvista sostenibbli tal-bijomassa hija essenzjali għall-vijabbiltà fit-tul tal-bijoeconomija u li l-użu tal-bijomassa jrid jirrispetta l-limiti planetarji u l-oġġettivi marbuta mal-bijodiversità, filwaqt li jissalvagwarda l-ambjent inkluż il-kwalità tal-arja, tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija u li għandhom jiġu implimentati b'mod koerenti miżuri fit-tul biex jinżammu l-kapaċità produttiva, is-saħħa tal-ekosistema, u r-reżiljenza tar-riżorsi; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni.
23. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jużaw il-bijomassa primarja b'mod effiċjenti fl-użu tar-riżorsi billi jagħmlu ċ-ċirkolarità wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-bijoeconomija Ewropea, billi jippromwovu l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni, u l-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, kif ukoll l-użu ta' flussi sekondarji tal-bijomassa, inkluż prodotti sekondarji, bijoskart u residwi u billi jqajmu kuxjenza dwar il-konsum sostenibbli, filwaqt li jirrikonoxxu l-ispeċifità nazzjonali u l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-provvista, is-sigurtà alimentari u r-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel u l-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi u s-servizzi tal-ekosistemi relatati.
24. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli u integrata tal-art, tal-foresti, tal-ħamrija, tal-kosta u tal-ilma fiż-żamma tas-saħħa tal-ekosistema u l-kapaċità tal-produzzjoni; u JENFASIZZA l-importanza tal-politiki relatati mal-bijoeconomija u l-użu tal-bijomassa biex jiġu integrati bis-sħiħ il-kunsiderazzjonijiet dwar il-klima, l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.
25. JISSOTTOLINJA li l-bijoenerġija prodotta b'mod sostenibbli, b'mod partikolari mill-iskart, il-bijomassa residwa u ta' valur baxx, tibqa' komponent importanti tat-taħlita tal-enerġija tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista, l-affordabbiltà, l-indipendenza enerġetika u l-oġġettivi klimatiċi b'mod partikolari fejn ma teżisti l-ebda alternattiva ta' dekarbonizzazzjoni jew ma tkunx teknikament jew ekonomikament fattibbli, filwaqt li jiġu rispettati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-enerġija, u JIRRIKONOXXI li l-użi materjali tal-bijomassa jagħtu valur oġġla fit-tul u li l-użi tal-enerġija għandhom jiffukaw fuq ir-residwi u l-iskart, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, u jiġu adattati għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali.

26. JIRRIKONOXXI r-rwol ċentrali tas-settur primarju fil-forniment u l-ipproċessar ulterjuri tal-bijomassa sostenibbli u JAPPELLA għall-ħolqien ta' valur miżjud fis-settur primarju permezz tal-mobilizzazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament pubbliċi u privati disponibbli u l-minimizzazzjoni tal-ostakli u l-piżijiet amministrattivi u regolatorji, filwaqt li tiġi rispettata l-ħtieġa għal input sostenibbli tal-bijomassa biex jittejjbu s-saħħa tal-ħamrija u d-dekontaminazzjoni ta' siti mniġġsa; JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' inċentivi ekonomiċi għall-kultivazzjoni karbonika volontarja u azzjonijiet pożittivi għan-natura, pereżempju permezz tal-Klabb tax-Xerrejja tal-UE biex titrawwem id-domanda għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju u l-kultivazzjoni karbonika skont ir-Regolament CRCF u l-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għall-krediti tan-natura; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti biex jappoġġaw is-settur primarju fil-forniment ta' bijomassa sostenibbli lill-bioekonomija.
27. JISĦAQ fuq l-importanza tal-prevenzjoni tal-iskart, inkluż it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, iċ-ċirkolarità u valorizzazzjoni akbar tal-prodotti sekondarji tul il-katina tal-valur, u JAPPELLA għal ġbir separat imsaħħa u ċarezza legali għall-iskart bijodegradabbli, kif ukoll il-promozzjoni tal-konverżjoni tiegħu f'materjal u sustanzi kimiċi b'bażi bijoloġika, kompost ta' kwalità, bijogass u bijometan u bijofjuwils oħra f'konformità mal-kriterji RED III applikabbli, kif ukoll il-valorizzazzjoni tad-diġestat bħala alternattiva għall-fertilizzanti sintetiċi jekk jiġu ttrattati u ġestiti kif xieraq; u JISSOTTOLINJA li l-għeluq taċ-ċiklu tan-nutrijenti u l-irkupru mill-ħama tad-dranaġġ u l-użu sikur u sostenibbli tan-nutrijenti li jinsabu fihom, jikkontribwixxu għar-reżiljenza ambjentali u ekonomika u JINNOTA li, soġġett għal salvagwardji ambjentali stretti u mingħajr ma jiġi inċentivat it-tixrid tagħhom, l-użu kkontrollat tal-bijomassa minn speċijiet ta' pjanti aljeni invażivi diġà stabbiliti elenkati fir-Regolament 1143/2014 dwar Speċijiet Aljeni Invażivi, għall-produzzjoni tal-polpa u l-karta, il-fibri, l-enerġija jew l-estrazzjoni ta' komposti ta' valur għoli, f'konformità mar-reġim ta' permessi u awtorizzazzjoni stabbilit fl-Artikolu 8 u 9 ta' dak ir-Regolament, jista' jitqies bħala parti mill-ġestjoni u l-qerda tagħhom, filwaqt li jiġu rispettati r-restrizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

28. JENFASIZZA r-rwol strateġiku tal-bijoekonomija sostenibbli bbażata fuq il-foresti kif ukoll tal-katina tal-valur tal-injam u l-prodotti forestali mhux tal-injam fil-bijoekonomija biex jipprovdu tkabbir sostenibbli u impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku, il-konservazzjoni u r-restawr tan-natura, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, biex jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, kif ukoll mudelli ta' negozju ċirkolari filwaqt li JENFASIZZA l-importanza tal-foresti bħala fornituri ta' servizzi tal-ekosistemi u bħala bjar tal-karbonju; JAPPELLA għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti bl-użu tal-aktar perkors effiċjenti għal prodotti b'valur miżjud għoli. JINNOTA r-rwol tas-sidien u l-manigġers tal-foresti Ewropej fl-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tal-Istati Membri.
29. JISĦAQ fuq ir-rwol strateġiku tas-settur agroalimentari u l-katina tal-valur kollha tiegħu bħala pedament fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni; JENFASIZZA l-ħtieġa li l-bdiewa jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fi ktajjen tal-valur tal-bijoekonomija b'valur miżjud oġġla, inkluż permezz ta' kooperazzjoni, ipproċessar lokali, ktajjen tal-provvista qosra u mudelli ta' negozju innovattivi; IHEĠĠEGĠ l-innovazzjoni u l-bijomanifattura biex jinħolqu prodotti ta' valur għoli mill-bijomassa agrikola mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali; JISĦAQ fuq l-importanza ta' bijoekonomija sostenibbli biex jinholq introjtu komplementari għall-bdiewa u biex isir kontribut għal żoni rurali reżiljenti, għall-kompetittività tal-SMEs rurali u s-settur agrikolu kif ukoll għall-miri ambjentali tal-Unjoni; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-bdiewa fuq skala żgħira u li jiġi żgurat aċċess ġust għall-innovazzjoni u l-parteċipazzjoni fi ktajjen ta' valur għoli.
30. JAGRAF ir-rwol strateġiku tas-sajd u tal-akkwakultura bħala wieħed mill-pilastru ewlenin tal-bijoekonomija u tal-ekonomija blu sostenibbli; JIRRIKONOXXI l-benefiċċji tas-settur fil-provvista ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkontribwixxu għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali u l-kompetittività; u JENFASIZZA l-ħtieġa għal settur ambjentalment sod u sostenibbli li jiżgura b'mod adegwat it-tkabbir sostenibbli, in-newtralità klimatika, ir-reżiljenza tal-ilma u l-protezzjoni u r-restawr tal-biodiversità.

31. JISSOTTOLINJA l-importanza tas-sigurtà tal-provvista domestika u l-kompetizzjoni ġusta fis-swieq tal-bijomassa u JAPPELLA għal miżuri għas-salvagwardja tal-ktajjen tal-provvista tal-bijomassa kontra disturbi esterni u interni u għall-protezzjoni tal-SMEs u l-proċessuri lokali permezz ta' rekwiżiti ta' konformità proporzjonati u aċċess imtejjeb għas-suq.

## **AZZJONI DINJJA**

32. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala sieħba ewlenija fit-tfassil ta' aġenda dinjja għal bijoekonomija sostenibbli u fil-promozzjoni ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli; inkluż li jittieħed kont tal-kompetizzjoni ħielsa u ġusta biex jiġu evitati importazzjonijiet iġusti u mhux sostenibbli u JENFASIZZA l-importanza li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fuq livell dinji.
33. JESPRIMI TĦASSIB SERJU dwar id-degradazzjoni ambjentali estensiva, it-tniġġis, u l-eżawriment tar-riżorsi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna, li wasslet għal ħsara kbira u dejjiema lill-ekosistemi, l-infrastruttura u l-komunitajiet u JENFASIZZA l-importanza li tiġi żviluppata bijoekonomija tal-UE li ssaħħaħ is-sigurtà, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika.
34. JAPPELLA għal sħubijiet strateġiċi u ta' benefiċċju reċiproku fl-ambitu tal-Global Gateway biex jiġu appoġġati l-investimenti fi ktajjen tal-provvista tal-bijomassa sostenibbli, l-iskambju tal-għarfien u l-kooperazzjoni fl-innovazzjoni ma' pajjiżi sħab, kif ukoll għal aċċess għas-suq dinji għal teknoloġiji u prodotti sostenibbli tal-UE b'bażi bijoloġika fl-ambitu ta' ftehimiet kummerċjali u djalogi regolatorji; u biex tingħata prijorità lill-kooperazzjoni fil-qasam tal-bioekonomija blu għar-reġjuni kostali, tal-gżejjer u tal-ilmijiet interni tal-Istati Membri, inkluż permezz ta' koordinazzjoni msaħħa mal-oqfsa ta' governanza reġjonali eżistenti, il-konvenzjonijiet dwar l-ibħra reġjonali u l-konvenzjonijiet dwar l-ilmijiet interni.

35. JENFASIZZA l-importanza tal-involvement fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ambjent u l-klima, il-UNEP, il-FAO, id-WTO, il-UNFF, il-COFFI, il-Forum Internazzjonali dwar il-Bijoeconomija, u l-Bord Internazzjonali tar-Riżorsi u f'fora pan-Ewropej, bħal Forest Europe, biex tiġi avvanzata l-konverġenza dwar l-oqfsa ta' sostenibbiltà u jiġu skambjati l-aħjar prattiki u JFAKKAR fl-avvanzi pprovduti mill-Prinċipji tal-G20 dwar il-Bijoeconomija (2024), li jinkoraġġixxu t-trawwim tal-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali, permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u JFAKKAR ukoll fil-Komunikat Finali tal-Forum Globali għall-Ikel u l-Agrikoltura tal-2025, speċjalment għas-settur primarju.
36. JISTIEDEN lill-Kummissjoni trawwem il-kooperazzjoni mal-pajjiżi kandidati, mar-regġuni ġirien u mas-sħab strateġiċi biex jinbnew ċentri tal-bijoeconomija reżiljenti; u tappoġġa inizjattivi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż fuq livell makroreġjonali, bħal BIOEAST, permezz ta' firxa potenzjali ta' miżuri futuri komprensivi, kontinwi u mfassla apposta fl-UE kollha biex jiġu żviluppati u implimentati soluzzjonijiet tal-bijoeconomija sostenibbli f'reġjuni b'potenzjal għoli ta' bijomassa; tindirizza xkiel bħal ostakli persistenti fis-suq uniku, biex tissalvagwarda l-kompetittività tal-Ewropa, tiżgura li titrawwem l-innovazzjoni u tiġi kkummerċjalizzata fl-Unjoni, u ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-swieq tagħha, filwaqt li żżomm l-ambizzjoni tal-Unjoni rigward l-ambjent u l-azzjoni klimatika.